**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Ph.D.**

**Att ta' Akkuza numru 16/2017**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Keith Cremona**

**Illum, 30 t' April, 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra **Keith Cremona**, ta' 37 sena iben Francis Cremona u Theresa nee' Attard, imwieled Pieta', Malta fit-23 ta' Novembru 1987, u residenti 171, Flat 2, Triq San Duminku, Valletta, detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru **530687M.,** l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jgħid:

| |
|---|
| **L-ewwel (1) Kap**<br>*Serq ikkwalifikatbil-vjolenza, bil-lok, u bil-valur.* |

**<u>Il-fatti :</u>**

ILLI l-akkużat Keith Cremona u żewġ persuni oħra mhux magħrufa ddeċidew li jwettqu serqa fuq anzjana ġewwa r-residenza tagħha. Għalhekk nhar l-Għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), l-akkużat Cremona u ż-żewġ ko-awturi l-oħra f'din is-serqa qabdu senter u għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30hrs) rħewlha lejn id-dar ta' abitazzjoni Nru. 40, 'Bernardette', Triq ta' Giorni, San Ġiljan. F'din id-dar kienet tgħix s-Sinjura Bennie (Benedetta) Meilaq, anzjana ta' disa' u sittin (69) sena;

ILLI l-akkużat Keith Cremona u sħabu ċemplu l-qanpiena tad-dar tas-Sinjura Meilaq, u malli din fetħet il-bieb ta' barra huma mbuttawha għal ġewwa u għalqu l-bieb warajhom. Hemmhekk huma tefgħu lil Bennie Meilaq ma' l-art, ippuntaw is-senter lejha, u bdew jitolbuha l-flus. Is-Sinjura Meilaq qaltilhom li flus ma kellhiex, pero', biex teħles mill-qilla tagħhom, offrietilhom id-deheb li kellha. Minkejja dan, l-akkużat Cremona u sħabu nsistew li huma ma riedux deheb iżda riedu flus kontanti;

ILLI kif raw li Bennie Meilaq ma kenitx se tagħtihom flus, l-akkużat Keith Cremona beda' jsawwatha filwaqt li sħabu bdew ifittxu u jqallbu ġod-dar. L-akkużat Keith Cremona kaxkar lill-anzjana Meilaq ma' l-art mill-kuritur sal-kċina, fejn, x'ħin wasal fil-kċina qabad telefon cordless ta' l-istess Meilaq u taha daqqa bih fuq moħħha, tant li qasmilha moħħha. Inoltre lwielha dirgħajha b'tant forza u kefrija li qalgħalha l-ġog ta' l-ispalla minn postu!;

ILLI waqt li kienet muġugħa, storduta u bid-demm ħiereġ minn moħħha, l-akkużat Keith Cremona u sħabu fetħu u qallbu l-għamara tas-Sinjura Meilaq, inkluż gradenza, vetrina, sideboard, skrivanija, u senduq li kien hemm fil-kuritur;

ILLI f'din it-tfittxija l-akkużat u sħabu sabu portmoni żgħir li fih is-Sinjura Meilaq kellha mwarrbin madwar mitejn jew mitejn u ħamsin Lira Maltin (Lm 200 / Lm 250). Malli sabu dawn il-flus, l-akkużat u sħabu ħarbu jiġru 'l barra;

ILLI minkejja li kienet muġugħa, storduta u bid-demm ħiereġ minn moħħha, Bennie Meilaq irnexxielha toħroġ sal-parapett tad-dar tagħha fejn bdiet tgħajjat għall-ajjut. Pero' bejn bl-uġieħ u bejn bl-isturdament, hija waqgħet ma' l-art u ntilfet minn sensiha fil-parapett;

ILLI b'xorti tajba xi ġirien laħqu semgħu l-għajjat tagħha u minnufih ċemplu lill-Pulizija kif ukoll Ambulanza, li ħadet lil Bennie Meilaq l-Isptar San Luqa. Hemmhekk instab li l-anzjana Bennie Meilaq kellha tiċrita fuq moħħha tant li kellha bżonn il-punti, kellha spallitha maqlugħa mill-ġog, kellha ligament ta' l-irkoppa mċarrat, kellha xi tbenġil, kif ukoll mild concussion. Dawn il-ġrieħi kienu klassifikati bħala ġrieħi gravi;

ILLI b'din is-serqa ġie nfurmat il-Maġistrat ta' l-Għassa, l-illum Imħallef Dottor Giovanni Grixti, li ħatar diversi esperti biex jassistu fl-investigazzjoni, fejn ġew elevati wkoll xi impronti diġitali (fingerprints) minn ġewwa r-residenza tad-derubata Bennie Meilaq;

ILLI għalkemm b'xorti ħażina l-investigazzjonijiet ma wasslux sabiex jiġu ndividwati fi żmien qasir it-tlieta (3) minn nies involuti f'din is-serqa vjolenti, fis-sena Elfejn u Ħdax (2011) il-Pulizija rċeviet informazzjoni kunfidenzjali li l-akkużat Keith Cremona kien involut f'din is-serqa. Għalhekk Keith Cremona ġie arrestat u l-Maġistrat (illum Imħallef) Dottor Giovanni Grixti ordna li jittieħdu l-impronti diġitali (fingerprints) ta' Cremona u jiġu mqabbla ma' l-impronti diġitali (fingerprints) elevati minn ġewwa r-residenza tas-Sinjura Bennie Meilaq mis-Scene of Crime Officers dakinhar tas-serqa in kwistjoni;

ILLI effettivament erbgħa (4) impronti diġitali (fingerprints) li kienu ġew elevati minn fuq senduq li s-Sinjura Bennie Meilaq kellha fil-kuritur u li nfetaħ u tqalleb mill-ħallelin dakinhar tas-serqa qablu perfettament ma' erbgħa (4) swaba ta' l-akkużat Keith Cremona, u cioe' ma' subgħajh iż-żgħir, dak taċ-ċurkett, dak tan-nofs, u l-werrej ta' idu x-xellugija. Minn naħa tiegħu l-akkużat Keith Cremona, anke meta kkonfrontat b'din l-evidenza, baqa' jiċħad li huwa qatt daħal fir-residenza ta' Bennie Meilaq!

**Il-konsegwenzi :**

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Keith Cremona sar ħati ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-lok, u bil-valur, u ċioe' talli nhar l-Għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30hrs), flimkien ma' żewġ persuni mhux magħrufa, ikkommetta serq mill-fond Nru. 40, 'Bernardette', Triq ta' Giorni, San Ġiljan, Malta, b'dana illi dan is-serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza (il-għaliex sar flimkien ma' offiża gravi fuq Bennie (Benedetta) Meilaq - persuna ta' aktar minn sittin (60) sena, kif ukoll il-għaliex sar flimkien ma' sekwestru tal-persuna, kif ukoll il-għaliex il-ħalliel ippreżenta ruħu armat, kif ukoll il-għaliex il-ħallelin ippreżentaw irwieħom iżjed minn tnejn), bil-lok (il-għaliex sar f'dar ta' abitazzjoni), u bil-valur (il-għaliex il-flus misruqa kienu aktar minn mitt Lira Maltin ta' dak iż-żmien).

**L-akkuża :**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Keith Cremona ħati ta' talli nhar l-Għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30hrs), flimkien ma' żewġ persuni mhux magħrufa, ikkommetta serq mill-fond Nru. 40, 'Bernardette', Triq ta' Giorni, San Ġiljan, Malta, b'dana illi dan is-serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza [il-għaliex sar flimkien ma' offiża fuq Bennie (Benedetta) Meilak - persuna ta' aktar minn sittin (60) sena, liema offiża hija gravi u ġabet il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem u sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, kif ukoll il-għaliex sar flimkien ma' sekwestru tal-persuna ta' Bennie (Benedetta) Meilaq, kif ukoll il-għaliex il-ħalliel ippreżenta ruħu armat, kif ukoll il-għaliex il-ħallelin ippreżentaw irwieħom iżjed minn tnejn]; bil-lok [il-għaliex sar fid-dar ta' abitazzjoni: 40, 'Bernardette', Triq ta' Giorni, San Ġiljan, u ċioe' d-dar fejn tgħix l-istess Bennie

(Benedetta) Meilaq]; u bil-valur [il-għaliex il-flus misruqa kienu aktar minn mitt Lira Maltin iżda anqas minn elf Lira Maltin ta' dak iż-żmien].

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Keith Cremona u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien minn tmien (8) snin sa tletin (30) sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 20, 31, 214, 218(1)(a)(b), 261(a)(ċ)(e), 262(1)(a)(b)(2), 267, 269(ġ), 274(a)(b), 275, 276A, 277(a), 279(a), 280(2), 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**It-Tieni (2) Kap**

***Arrest, detenzjoni, jew sekwestru kontra l-ligi.***

**Il-fatti:**

ILLI fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża, u ċioe' nhar l-Għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), l-akkużat Keith Cremona u żewġ persuni oħra qabdu senter u għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30hrs) rħewlha lejn id-dar ta' abitazzjoni Nru. 40, 'Bernardette', Triq ta' Giorni, San Ġiljan biex hemm iwettqu serqa. F'din id-dar kienet tgħix s-Sinjura Bennie (Benedetta) Meilaq, anzjana ta' disa' u sittin (69) sena;

ILLI l-akkużat Keith Cremona u sħabu ċemplu l-qanpiena tad-dar tas-Sinjura Meilaq, u malli din fetħet il-bieb ta' barra huma mbuttawha għal ġewwa u għalqu l-bieb warajhom. Hemmhekk huma tefgħu lil Bennie Meilaq ma' l-art, ippuntaw is-senter lejha, u l-akkużat Keith Cremona kaxkarha ma' l-art mill-kuritur sal-kċina, fejn, x'ħin

wasal fil-kċina qabad telefon cordless ta' l-istess Meilaq u taha daqqa bih fuq moħħha, tant li qasmilha moħħha. Inoltre lwielha dirgħajha b'tant forza u kefrija li qalgħalha l-ġog ta' l-ispalla minn postu! L-akkużat Keith Cremona żamm lil Bennie Meilaq kontra l-volonta' tagħha sakemm hu u sħabu qallbu f'xi għamara li kellha d-dar, minn fejn serqu madwar mitejn jew mitejn u ħamsin Lira Maltin (Lm 200 / Lm 250) u ħarbu jiġru 'l barra;

ILLI sakemm wettqu din is-serqa vjolenti, l-akkużat Keith Cremona u sħabu ma ppermettewx lil Bennie Meilaq tiċċaqlaq, toħroġ mid-dar, jew tmur fejn trid.

ILLI l-akkużat Keith Cremona u sħabu ma kellhom ebda ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti u lanqas kellhom is-setgħa bil-liġi li jarrestaw, iżommu, jew jissekwestraw lil Bennie Meilaq kontra l-volonta' tagħha;

**Il-konsegwenzi:**

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Keith Cremona sar ħati talli nhar l-Għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30hrs), flimkien ma' żewġ persuni mhux magħrufa, ġewwa l-fond Nru. 40, 'Bernardette', Triq ta' Giorni, San Ġiljan, Malta, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm, jew issekwestra persuna [Bennie (Benedetta) Meilaq] kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi l-persuna arrestata, miżmuma, jew issekwestrata ġiet offiża fuq il-persuna.

**L-akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Keith Cremona ħati talli nhar l-Għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30hrs), flimkien

ma' żewġ persuni mhux magħrufa, ġewwa l-fond Nru. 40, 'Bernardette', Triq ta' Giorni, San Ġiljan, Malta, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm, jew issekwestra persuna [Bennie (Benedetta) Meilaq] kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi l-persuna arrestata, miżmuma, jew issekwestrata ġiet offiża fuq il-persuna.

**Il-piena mitluba :**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Keith Cremona u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal żmien minn erba' (4) snin sa sitt (6) snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 86, 87(1)(ċ), 88, 214, 215, 218(1)(a)(b), 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**It-Tielet (3) Kap**
***Offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Bennie (Benedetta) Meilaq***

**Il-fatti:**

ILLI fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-Ewwel żewġ (2) kapi ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe' nhar l-Għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), l-akkużat Keith Cremona u żewġ persuni oħra qabdu senter u għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30hrs) rħewlha lejn id-dar ta' abitazzjoni Nru. 40, 'Bernardette', Triq ta' Giorni, San Ġiljan, sabiex hemmhekk iwettqu serqa. F'din id-dar kienet tgħix s-Sinjura Bennie (Benedetta) Meilaq, anzjana ta' disa' u sittin (69) sena;

ILLI l-akkużat Keith Cremona u sħabu ċemplu l-qanpiena tad-dar tas-Sinjura Meilaq, u malli din fetħet il-bieb ta' barra huma mbuttawha għal ġewwa u għalqu l-bieb warajhom. Hemmhekk huma tefgħu lil Bennie Meilaq ma' l-art, ippuntaw is-senter

lejha, u bdew jitolbuha l-flus. L-akkużat Keith Cremona kaxkar lill-anzjana Meilaq ma' l-art mill-kuritur sal-kċina, fejn, x'ħin wasal fil-kċina qabad telefon cordless ta' l-istess Meilaq u taha daqqa bih fuq moħħha, tant li qasmilha moħħha. Inoltre lwielha dirgħajha b'tant forza u kefrija li qalgħalha l-ġog ta' l-ispalla minn postu! Wara li serqu madwar mitejn jew mitejn u ħamsin Lira Maltin (Lm 200 / Lm 250), l-akkużat Keith Cremona u ż-żewġ persuni l-oħra ħarbu jiġru 'l barra;

ILLI minkejja li kienet muġugħa, storduta u bid-demm ħiereġ minn moħħha, Bennie Meilaq irnexxielha toħroġ sal-parapett tad-dar tagħha fejn bdiet tgħajjat għall-ajjut. Pero' bejn bl-uġieħ u bejn bl-isturdament, hija waqgħet ma' l-art u ntilfet minn sensiha fil-parapett;

ILLI b'xorti tajba xi ġirien laħqu semgħu l-għajjat tagħha u minnufih ċemplu lill-Pulizija kif ukoll Ambulanza, li ħadet lil Bennie Meilaq l-Isptar San Luqa. Hemmhekk instab li l-anzjana Bennie Meilaq kellha tiċrita fuq moħħha tant li kellha bżonn il-punti, kellha spallitha maqlugħa mill-ġog, kellha ligament ta' l-irkoppa mċarrat, kellha xi tbenġil, kif ukoll mild concussion. Dawn il-ġrieħi kienu klassifikati bħala ġrieħi gravi;

**Il-konsegwenzi :**

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Keith Cremona sar ħati ta' offiża gravi fuq il-persuna, u ċioe' talli nhar l-Għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30hrs), ġewwa l-fond Nru. 40, 'Bernardette', Triq ta' Giorni, San Ġiljan, Malta mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ħsara gravi fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra [Bennie (Benedetta) Meilaq] b'dana illi din l-offiża gravi kkaġunat debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem u ġabet sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ;

ILLI inoltre dan id-delitt huwa aggravat stante li Bennie (Benedetta) Meilaq kienet għalqet l-eta' ta' sittin (60) sena.

**L-akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Keith Cremona, ħati ta' offiża gravi fuq il-persuna, u ċioe' talli nhar l-Għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena Elfejn u Ħamsa (2005), għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħodu (09:30hrs), ġewwa l-fond Nru. 40, 'Bernardette', Triq ta' Giorni, San Ġiljan, Malta, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar ikkaġuna ħsara gravi fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra [Bennie (Benedetta) Meilaq], persuna li għalqet l-eta' ta' sittin (60) sena, b'dana illi din l-offiża gravi kkaġunat debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem u ġabet sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ.

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Keith Cremona u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tlettax (13)-il xahar sa għoxrin (20) sena, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31, 214, 215, 218(1)(a)(b)(2), 222A(1), 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-fedina penali aggornata tal-akkuzat.

Semghet ix-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni u l-akkuzat Keith Cremona jixhed minn jheddu u b'mod volontarju.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat,**

Huwa principju fundamentali tal-process penali, kif ben tajjeb osserva l-avukat difensur fl-indirizz tieghu lejn il-Qorti li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, tali akkuzi ghandhom jigu pruvati **oltre kull dubju dettat mir-raguni.** Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer,**[1] il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, **dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l**-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati.** Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija sempliciment fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbaghad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.[2]

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq **il-kredibilita` tax-xhieda** u dan billi din il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix kostanti, u ta' fatturi ohra tax-xhieda u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Dicembru 1997.
[2] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

**Artikolu 637 tal-Kapitolu 9** jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *"id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz."*

**Ghandhom ikunu ndizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.** Illi ghalhekk huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu.

Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**:[3] "*Il-prova ndizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika*".

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice**[4] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **Teper vs. R** [5] jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more*

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961.
[4] 1997 Edition Para 10-3.
[5] 1952.

*obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.[6]

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf, b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni. Sabiex l-evidenza cirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' htija, din trid tkun univoka, jigifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konkluzjoni wahda u xejn hliefha. Altrimenti, jekk ic-cirkostanzi jaghtu lok ghal aktar minn konkluzjoni wahda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieh fuqhom biss biex tkun tista' ssib htija.

Artikolu 638 tal-Kodici Kriminali jaghmilha cara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu principalment fil-verzjoni ta' xhud wahdieni, il-Qorti xorta wahda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi procedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun gie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita', din ix-xiehda ssir bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Fil-fatt l-

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-9 ta' Jannar, 1998.

Artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali jghid li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti sabiex fuq ix-xiehda tieghu l-Qorti tkun tista' ssib htija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi kazijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[7] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli li Qorti ta' Gustizzja Kriminali tasal li ssib htija f'persuna akkuzata fuq ix-xiehda ta' xhud wiehed biss.

In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**,[8] mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, kif donnu nferixxa l-avukat difensur meta ghamel referenza ghad-divergenza t' opinjoni mghotija mit-tobba f'dan il-guri. Imma huwa dover tal- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi u tasal ghall-konkluzjoni taghha. Fil-fatt anke fir-rigward ta' xhieda esperta mghotija, l-Qorti wkoll ghandha d-diskrezzjoni taghha kif tajjeb osserva l-avukat difensur meta ccita l-Artikolu 656 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi hekk: '*Min għandu jiddeċidi mhux marbut li joqgħod għall-fehma tal-periti kontra l-persważjoni tiegħu'*.

F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-kazijiet li jisimghu hija li jiskopru l-verita' storika; u dan peress li l-evidenza li tingieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qieghed jghid. U huwa ghalhekk li jezisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma ghandhomx is-setgha li jaqraw l-imhuh tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'mohhhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza taghhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jghidu u mill-eghmil taghhom u f'dan il-kaz anke minn dak li jkun transkritt fl-atti. Il-Qrati jridu jistriehu biss fuq il-provi li jkunu ngiebu quddiemhom – cioe' l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

---

[7] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bonavia ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; Il-Pulizija vs Antoine Cutajar ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; Il-Pulizija vs Carmel Spiteri ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[8] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono

Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tevalwa l-evidenza li ngiebghet quddiem din il-Qorti.

**L-Assistent Kummissarju Michael Malllia** xehed illi f' Lulju 2005 hu kien Spettur CID u dakinhar il-pulizija kellha informazzjoni li kienet saret serqa fejn persuni mhux mgharufa dahlu fuq anzjana bl-isem Bernardette Meilaq fil-fond 40, Bernardette House, Triq ta' Giorni, San Giljan. Huwa flimkien ma PS 90 u kuntistabbli iehor PC 1247 marru fuq il-post u hemmhekk saru jafu li l-vitma kienet gja ittihdet l-isptar minhabba il-feriti li kellha. Huma bdew bl-ewwel investigazzjonijiet fuq il-post, nnutaw xi dmija u diversi taqlib. Huma tkllemu mal-vittma u din qaltilhom li kienet wahdedha d-dar u ghall-habta tad-9 habbat il-bieb ta' barra, hija marret tiftah u sabet tlett igiel li imbuttawha flat ma l-art, mexxewha il-kuritur tad-dar taghha stess u bdew jitlobuha l-flus. Jghid li din qaltilhom li kellha id-deheb izda huma flus riedu. Wiehed mill-aggressuri qabad *telephone* li kellha fil-kcina u taghha daqqa go rasha bih. Qal li apparti id-daqqiet li tawha kienu ukol kaxkruha ma l-art. Il-Magistrat Giovanni Grixti kien gie infurmat u infethet inkjesta fil-kuritur kien hemm ghamara miftuha u taqlib kullimkien. Fl-ahhar tas-sena 2011 kein ircieva informazzjoni kunfidenzjali fejn gie infurmat li l-akkuzat kien wiehed minn dawn it-tlett perusni invouti f'din is-serqa li sehhet fis-sena 2005. Cremona kien ga mgharuf mal-pulizija. Huwa ghalhekk ghamel talba biex jittihdu l-impronti digiali tal-akkuzat u kien gie nominat Joseph Mallia sabiex jaghmel dan u sabiex in segwitu jaghmel komparazzjoni mal-impronti li gew elevati minn fuq ix-xena tad-delitt.  Irrizulta li kien hemm qbil bejn l-impronti ta' erbgha swaba  tal-akkuzat ma dawk li gew elevati mix-xena tad-delitt. Jghid li meta l-vittma giet murija xi ritratti ma kienitx f'pozizzjoni li tgharaf lil-hadd pero din stqarret li l-persuna li taghtha id-daqqiet kienet irqiqa.

Huwa tkellem ma l-akkuzat fil-Kwartieri fejn dan tal-ahhar innega kollox, kien anke eskortah ma pulizija iehor fuq il-post biex ifakkru u anke hadlu stqarrija izda dan ghazel li ma jwiegeb ghal xejn. Fl-istqarrija tieghu ma iwiegeb ghal xejn kien biss verbalment li innega li qatt mar fil-post imsemmi tal-vittma. Muri kopja tal-istqarrija Dok MM1 a fol. 31 hu kkonferma li hi l-istess wahda u li gharaf il-firem fuqha. Muri

wkoll id-dikjarazzjoni tar-rifjut huwa kkonfermaha, kif ukoll il-firem ta' fuqha. Muri fol. 58 hu kkonferma li dan kien c-certifikat tat-twelid tal-vittma. Hu gharaf lill-akkuzat fl-awla.

In kontro-ezami hu kkonferma li flimkien mal-pulizija tas-CID fuq il-post kien hemm ukoll pulizija mill-ghassa ta' San Giljan. Kien baghat in-nies sabiex ikellmu lir-residenti u jaf li n-nies msemmija fil-PIRS kienu gew mitkellma mill-pulizija. Fir-rigward ta' Joe Camilleri ma jiftakarx talbuhx jippartecipa fl-investigazzjoni minkejja li dik kienet il-prassi. Lis-Sinjura Meilaq ma jafx kienx kellimha dakinhar stess jew il-jum ta' wara. Darba kien kellimha l-isptar u sussegwentament fir-residenza taghha. Ikkonferma li kien hemm xi demm fil-kcina pero il-vittma nstabet barra fil-parapett. Dakinhar stess li kienu kellmuha kienet ghamlitilhom referenza ghat-telephone u li giet msawwta bih. Hu jghid li ma jiftakarx attirax l-attenzjoni ta' dan lis-SOCOs. Lis-Sinjura Meilaq kienu qalulha sabiex tiehu sehem f' ID Parade izda mhux wahda formali u kienu wrewha xi ritratti. Hija ma kienitx kapaci tgharaf lil xi hadd.

**Mr Alex Attard** jghid li hu kirurgu. Ma jiftakarx li kien ezamina lill-vittma

**Mr Fredrick Zammit Mampeal** jghid li hu orthopedic surgeon. Mistoqsi jekk jiftakarx li kien ra lil vittma bhala pazjenta, hu jghid li ma jiftakar xejn izda fittex in-noti taghha. Irrizultalu min-noti li dahlet l-isptar nhar 20 ta' Lulju, 2005, 10.46 fid-dipartiment tal-emergenza tal-isptar San Luqa u kellha *head injury u dislocated shoulder*, li in segwitu rrizultalu li ghamluilha f'postha l-*casualty*. Hija kellha splint ghall-sitt gimghat u ghalhekk fil-fhema tieghu l-ferita kienet wahda gravi per durata. Spjega li l-*scarring* idum sitt gimghat pero' minkejja dan il-vitma baqghet timxi bl-isplint b'kollox. *Fresh trauma* tigi manipulata dak il-hin, pero' jekk tkunx effettiva jew le jiddependi mill-fejqan taghha. Il-vittma kienet taht il-kura ta' Mr Alex Attard.

In kontro-ezami hu jghid li lil vittma qatt ma raha u spjega li din harget mill-isptar jumejn wara. Skond in-noti tal-isptar hu jghid li l-vittma giet *assaulted* fid-dar taghha.

**PS 69 Jesmond Cremona** fl-20 ta' Lulju, 2005 hu kien surgent fl-ghassa San Giljan. Jghid li kien xoghol *first watch* u kien gie nfurmat mill-control room li kien sar hold-up Ta'Giorni. Mar fuq il-post u l-vittma kienet ga ttihdet l-isptar. B'referenza ghal fol. 51 jghid li hija l-okkorenza li kien ghamel hu stess. Jghid li n-notamenti fejn gew mitkellma xi individwi kien ghamilhom hu.

Huwa tkellem mal-gar taghha Chares Grech Mallia u dan qal li sema xi ghajjat ghall-ghajnuna gej minn barra u meta avvicina l-vuci induna li kienet il-gar tieghu. Huwa sabha ma l-art bid-demm hiereg minn rasha.

Carlo Valletta gie mtikellem u dan qal li meta irritorna lura id-dar ghall-habta tad-9.15am ma sema xejn suspettuz.

Doreen Manche giet mtikelma izda minkejja li kienet id-dar il-hin kollu ma semghet xejn.

Josette Spiteri pero tghidilhom li hija kienet qed tnaddaf il-gallerija taghha meta fil-hin semghet xi ghajjat ghall-ghajjut nizlet u marret tara min kien qed jitlob l-ghajnuna u sabet lil gara taghha u cioe' l-vittma li kellha hafna dmija gej minn rasha u hwejjigha kienu imqattghin ukoll.

Joe Camilleri qal li kien ra ragel irqiq twil xi 5.10 piedi libes t- shirt bajda u qalziet jew shorts blu u f'idejh kellu xi haga qisha xi video camera. Qal li ftit wara kellu johrog u ra van abjad ipparkjat.

Julian Cuschieri qal li jghix wara d-dar tal-vittma u qal li kien qed iqaxxar il-lehja u jiehu l-breakfast fil-kcina mal-familja tieghu izda ma semgha xejn ta' suspett.

PS 69 izid jghid li kien nnuta xi taqlib u anke ra xi dmija fid-dar tal-vittma. Hu jikkonferma li qatt ma tkellem mal-vittma.

In kontro-ezami jghid li a fol. 51 hemm referenza ghall-ispettur M. Sammut, u hu kkonferma li dan kien Spettur San Giljan dak iz-zmien. Fol. 54 hemm referenza fejn gie kwotat 'hija x'qalet' ghall-vittma, huwa jghid li mhux cert kienx kellem il-vittma. Hu seta' jara li kien hemm herba, li kien hemm id-dmija u t-telefon ma kienx postu. Mistoqsi minn kien qallu li l-vittma kienet aggredita jghid li ma jafx.

**<u>Dr Mario Scerri</u>** muri fol. 24 tal-process ikkonferma li dan kien rapport imhejji minnu fl-atti tal-inkjesta. Hu ezamina lil vittma Bernardette Meilaq nhar l-20 ta' Lulju, 2005 fejn spjegatlu bil-gurament illi kienet giet aggredita minn tlett irgiel li talbuha l—flus u hi qaltilhom deheb kellha u mhux flus. Hi infurmatu li kellha portmonnaie li kienet tuzah bhala bank u kellha mitejn lira, dawn sabuh u haduwula. Wiehed minnhom qalilha li flus ried mhux deheb ghax kellu zewgt itfal zghar. Hu dakinhar biss raha u nnota li kellha *slight injuries* u *shoulder dislocation* li hija meqjusa bhala *grievous injury* per durata

**<u>Dr Jonathan Joslyn</u>** kkonferma li l-vittma Bernardette Meilaq kienet giet ammessa l-isptar Mater Dei nhar l-20 ta' Lulju 2005 wara li kienet giet aggredita gewwa darha. Hija kellha *dislocation* ta' l-ispalla leminija fejn spjega li l-ghadma kienet barra mill-gog u girehi fl-irkoppa tal-lemin. Kellha wkoll ticrita f'mohha u kienu zammewha l-isptar minhabba l-*concussion*. Saritlu referenza ghal dak li kien xehed quddiem il-Qorti tal-Magistrati u spjega illi wara li ddahhal l-ghadma fil-gog, jiddependi jekk il-ferita tibqax gravi jew le skond il-fejqan ta' dak li jkun. F'dan il-kaz ma jafx kif kienet baqghet.

**<u>PS 90 Jeffrey Gerada</u>** nhar l-20 ta' Lulju, 2005 hu kien mar fuq il-post tal-hold-up u kien hu stess li kellem lill-vittma. Hu kien nnutalha daqqa' fuq rasha u kellha ugigh fl-ispalla tax-xellug u anke kienu sabu parti minn sinna fil-kuritur. Gie nnutat dmija u l-vittma qaltlu li kienet giet imsawwta bit-*telephone*. Il-vittma kienet qaltlu li kienu gew ihabbtulha tlett irgiel fejn kienu aggredewha u saqsewha ghall-flus. Kienet qaltlu li wiehed minnhom kellu kanna f'idu qisha xkubetta. Spjegat li kaxkruha mil-art, ghattewlha rasha u hadulha mitejn lira mill-portmonnaie li sabu ta' kulur orangjo. Fi

Frar 2012 kienet waslitilhom informazzjoni kunfidenzjali li l-akkuzat kien wiehed minn dawk li wettaq ir-reat in kwistjoni. Fit-30 ta' Mejju, 2020 Cremona kien gie msejjah id-depot u ghazel li ma iwiegeb ghall-ebda domanda li giet imposta lilu. Hu kien ha lill-akkuzat bejn id-29/30 ta' Mejju 2012 fuq il-post fl-indirizz biex jurih il-post fejn kienet sehhet is-serqa u staqsih jekk qatt kienx dahal fil-fond pero l-akkuzat ezercita d-dritt tas-silenzju

Mistoqsi kif quddiem l-ewwel qorti hu ma semmiex is-sinna, hu kkonferma li f' CID file kienet imnizzla u jiftakar b'mod car li kien ra bicca sinna fil-kuritur. Hu kkonferma li kienu baghtu ghall-vittma gewwa d-depot u kienu wrewha numru ta' ritratti, izda din ma kienet gharrfet lil hadd bhala persuna li aggrediha. Dan pero kien sar qabel ma kellhom l-informazzjoni li l-akkuzat seta' kien involut f'dan ir-reat u ritratt tieghu ma kienx inkluz fis-set ta' ritratti li gew murija lilha. Mistoqsi jekk regghux baghtu ghaliha wara li kellhom lill-akkuzat bhala suspettat huwa wiegeb fin-negattiv.

**Il-Perit Richard Aquilina** xehed illi fl-20 ta' Lulju, 2005 kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta sabiex jaccedi fuq il-post tal-vittma sabiex jamghel pjanta tal-post fejn sehh l-incident u jesebixxi *site plan.* Huwa gharaf ir-relazzjoni tieghu esebita fl-atti a fol 15 tal-PV u kkonferma l-kontenut taghha. Huwa kkonferma li fil-kcina kien hemm taqtir ta' demm u jghid li ma rax taqtir iehor, kieku kien jimmarkah.

**PS 644 Evan Camilleri u PS 186 Christian Mintoff** kkonfermaw li kienu gew nominati fl-atti tal-inkjesta bhala *scene of the crime officers.* Huma gharfu r-relazzjoni taghhom fol. 42 sa 49 tal-atti tal-inkjesta. A fol 44 u 45 huma gharafu erba' lifters li kienu tellghu min fuq il-post tal-vittma.

Mistoqsija jekk kienx hemm xi hadd li attiralhom l-attenzjoni sabiex jigbru telephone jghidu ma jiftakrux. Mistoqsija jekk kienx hemm xi hadd li attiralhom l-attenzjoni sabiex jigbru sinna wiehed jghid le u wiehed jghid li ma jiftakarx. Fir-rigward jekk kienx hemm xi hadd li attiralhom l-attenzjoni sabiex jelevaw CCTVs wiehed qal le u l-iehor qal ma jafx. PS 644 sostna li dan ma kienx xogholhom. Ma jiftakrux li xi hadd

qalilhom sabiex jigbru portmonnaie orangjo. Mistoqsija jekk xi hadd kienx taghhom struzzjonijiet li kien insteraq xi haga, jghidu li ma jiftakrux. Skond ir-relazzjoni l-ispettur investigattiv kien certu Spt Mario Tonna. Huma kkonfermaw li fis-sular ta' fuq ma telghux.

Bi qbil bejn il-partijiet, ix-xhieda ta' **Robert Cardona** moghtija waqt il-kumpilazzjoni, giet moqrija fejn dan ikkonferma li kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta mill-Magistrat nhar l-20 ta' Lulju, 2005 u kkonferma r-relazzjoni tieghu esebita fl-atti tal PV a fol. 50 et seq. Jghid li kienu ghaddewlu l-iswabs u rrizulta Ii huwa demm ta' nisel uman grupp O.

Bi qbil bejn il-partijiet ix-xhieda ta' **Bernardetta Meilaq** moghtija fl-atti kumpilatorji, giet moqrija fejn spjegat li fis-sena 2005 kienu dahlu fuqha tlett guvintur waqt li kienet id-dar taghha fi Triq ta' Giorni, San Giljan. Tghid li cemplet il-qanpiena u marret tiftah il-bieb ghaliex hasbet li kienet marret il-mara tat-tifel taghha. Qalet li l-agressuri tefawha ma l-art u qaltilhom li ma tistax timxi ghaliex kellha saqajha mghawga. Qalet li hija ma setghetx timxi ghax saqajja kienet mghawwga u kellha timxi. Tghid li marru fil-kcina u hemmhekk tawha daqqa ta' telefon. Hija spiccat l-isptar bid-daqqa li qalghet, ghamlulha erba' punti u damet timxi mghawga ghal madwar tlett xhur. Tghid li wiehed minnhom qalghalha d-drieghi tal-lemin. Qalet li kien hemm taqtir ta' demm fuq wiccha, fil-kuritur u fil-kcina. Tghid li kien il-qasir fost it-tlieta li dawrilha idha u li taha daqqiet bit-telefon – dejjem l-istess persuna. Spjegat li wiehed minnhom qaghad jilwilha idejha u t-tnejn l-ohra gabu is-senter. Qalet li damu xi nofs siegha. Spjegat li appena fethet il-bieb dawn imbuttawha u qalulha biex ma twerzaqx. Qalet li dak li taha daqqa' kellu l-lehja u kien liebes beritta sa nofs wiccu. Mistoqsija tiddiskrivi l-ohrajn tghid li ma tatx kaz bis-*shock* Ii kellha fuqha. It-tnejn l-ohra kienu itwal minn dak li aggrediha u kellhom senter f'idejhom. Hi kkonfermat li mexxewha sa hdejn il-kcina. Hija kkonfermat ukoll li wiehed minnhom kellu senter f'idejh u msitqosija tispejga x'inhu senter tghid li huwa qisu xkubetta twila. Hija ddiskrevietu qisu dawk li juzaw ghall-kacca. Mistoqsija jekk tgharafx lill-aggressur taghha fl-awla tghid li hija ma tantx tara mill-boghod u li kien ghadda iz-zmien. L-ewwel qorti qalet

li x-xhud indikat lill-akkuzat bhala l-persuna li jixbah lill-persuna li lilha kkagunalha l-griehi meta dahlu d-dar taghha t-tlett guvintur. L-aggressur taghha talabha l-flus u hija tatu l-portmonnaie taghha li kellu LM250. Pero apparti dan il-portmonnaie ma hadulha xejn iktar mid-dar. Hija qalet li taf ukoll li l-aggressuri taghha qalbulha xi kxaxen fl-ufficcju ta' zewgha u fethu l-*cupboards* tal-*combined.* In kontro-ezami qalet li l-aggressuri taghha ma kellhomx wicchom mghotti u lanqas idejhom ma kienu mghottija. Ikkonfermat li l-aggresur taghha qalilha li kellu zewgt itfal.

**Joseph Mallia** Jghid li huwa kien gie moghti l-inkarigu mill-Magistrat Inwkirenti Dr Giovanni Grixti fir-rigward ta' serqa li saret mill-fond Benedetta triq ta' Giorni San Giljan nhar l-20 ta' Lulju 2005 sabiex jiehu l-*finger prints* u *palm prints* ta' l-akkuzat biex in segwitu jaghmel komparazzjoni ma dawk il-*prints* elevati mix-xena tad-delitt. Ikkonferma li kien hemm xi *prints* li ma kienux tajbin ghal komparazzjoni u ohrajn li kienu identici mas-sebgha iz-zghir, mas-sebgha tac-curkett u mas-sebgha tan-nofs u mas-sebgha tal-werrej ta' id ix-xellugija ta' l-istess akkuzat.

Muri dokument esebit a fol 68 tal-PV immarkat bhala Dok JM jghid li din hija ir-relazzjoni tieghu u kkonferma l-kontenut taghha fejn qal is-segwenti:

i. L-ewwel impronta li tidher zviluppata miIl-lifter immarkat bhala dok O5CGT 301, huwa lifter elevat minn fuq is-senduq fil-kuritur faccata tal-bieb principali taqbel u hija identitika mal-marka tas-saba z-zghir ta' id ix-xellugija ta' l-akkuzat;
ii. IIt-tieni mpronta li tidher zviluppata u elevata min naha tax-xellug tal-lifter dokument 05CGT 301 li huwa lifter elevat minn fuq is-senduq fil-kuritur faccata tal-bieb principali taqbel u hija identitika mal-marka tas-sebgha tac-curkett ta' id ix-xellugija ta' l-akkuzat;
iii. It-tielet impronta li tidher sviluppata u elevata min naha tax-xellug tal-lifter 05 CGT 301 taqbel u hija identitka mal-marka tas-saba tan-nofs ta' id ix-xellugija tal-akkuzat;

iv. Ir-raba' impronta li tidher zviluppata u elevata minn naha tax-xellug tal-lifter dok 05 CGT 301 tabqel u ghalhekk hija identitka mal-marka tas-saba l-werrej ta' id ix-xellugija ta' l-akkuzat.

In kontro-ezami hu kkonferma li ha l-impronti tas-Sur Cremona kif muri f'Dok JM1. Jghid li ma jistax jghid meta l-fingerprints misjuba fuq ix-xena tad-delitt saru. Dan ghaliex fingerprint ma ghandux *ageing* u jista jkun li tibqa' hemm jew titlaq wahedha.

**Keith Cremona** ghazel li jixhed b'mod volontarju. Hu jghid li twieled nhar it-23 ta' Novembru, 1987. Jghid li kien imur l-iskola Mater Dei l- Msida. Jghid li l-genituri tieghu bghatuh hemmhekk ghax ma riedx jitghallem skola u b'kollox hemmhekk kienu madwar 15-il student fejn fost affarijiet ohra kienu jigu mghallma snajja. Jghid li certu Mr Camilleri kien jghallmu kif jahdem bl-injam. Fis-sena 2005 kien jghin lill-missieru li issa ilu mejjet sentejn. Missieru kellu l-garaxxijiet Wied is-Sewda Hal-Qormi u kellu madwar erba' zghar u erba' kbar. Spjega li meta klijent kien ikun irid juza s-servizzi taghhom u cioe'ta' restawr, kien jikkomunika ma missieru. Meta kienu jlestu bicca xoghol ta' restawr, kien imur missieru biha. L-akkuzat xehed illi meta ghamel zmien il-habs kien jahdem ta' mastrudaxxa. Meta mar mas-surgent Gerada fuq il-post tal-allegat delitt ma kienx akkumpanjat mill-genituri tieghu u lanqas meta rrilaxxja l-istqarrija ma kien akkumpanjat mill-istess genituri.

In kontro-ezami mistoqsi ghaliex matul il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati waqt l-ezami kien qal li ma jahdimx mentri issa qed jghid li kien jghin lil missieru, jghid li hu wiegeb hekk quddiem l-Ewwel Qorti ghax kien jahdem bla ktieb tax-xoghol. Mistoqsi jekk qadx dahal fil-fond 40, Benedetta, Triq Ta' Giorni, San Giljan jghid li lanqas jaf fejn hu dan il-post. Mistoqsi jispjega kif il-*finger prints* tieghu spiccaw f'din id-dar jghid li mhux minnu li l-*finger prints* li instabu hemm kienu tieghu.

Ikkunsidrat,

**Illi din il-Qorti tirrileva li dan il-kaz gie assenjat lilha u gie appuntat quddiemha ghall-ewwel darba nhar is-16 ta' Jannar, 2019. Illi in segwitu l-Qorti giet mgharrfa li l-akkuzat kien ipprezenta rikors kostituzzjonali u kien ghalhekk li ma setghex jigi registrat progress quddiem din il-Qorti. In segwitu l-akkuzat kien ghamel xi operazzjoni u wara kien anke ghamel xi zmien taht kwarantina.**

**Illi in segwitu din il-Qorti kienet taghat sentenza preliminari fil-15 ta' Dicembru, 2022 u li minnha kien gie ntavolat appell mill-akkuzat, liema sentenza tal-Qorti Kriminali (Sede Superjuri) taghat sentenza nhar il-21 ta' Gunju, 2023 u kien nhar is-17 ta' Novembru, 2023 illi dan il-guri seta' jigi appuntat.**

*In primis,* jigi rilevat kif sahansitra anke stqarr l-Avukat Generali fl- andament ta' dan il-guri li mhux kull investigazzjoni hija perfetta. L-istess Avukat Generali b'lejalta' kbira wkoll irikonoxxa illi f'din l-investigazzjoni kien hemm diversi nuqqasijiet. Kif tajjeb osserva l-Avukat difensur, dawn in-nuqqasijiet ma ghandhomx jigu attribwiti lill-Avukat Generali li pprosegwew dan il-kaz quddiem din il-Qorti ghaliex kienu biss wara li harget l-Att t' Akkuza minn avukat iehor li huma dahlu fil-kaz.

Illi huwa dover ta' din il-Qorti li tissotolinea whud minn dawn in-nuqqasijiet lampanti bit-tama li ma jigux ripetuti f'proceduri ohrajn li ghadhom *sub judice*. Jigi rilevat li x-xhieda li talvolta jigu ndikati fl-okkorenza u mitkellma waqt l-investigazzjoni li tkun qed issir *a tempo vergine* li jigi ntavolat ir-rapport, ghandhom in segwitu jigu kollha mressqa l-Qorti sabiex jikkonfermaw dak li jkunu stqarru lill-Ufficjali Investigattivi ghaliex *del resto* tali informazzjoni ma jkollha l-ebda valur fil-ligi peress li titqies bhala xhieda *hearsay*. Illi f'dan il-kaz jirrizulta bic-car illi x-xhieda illi allegatament giet mitkellma waqt l-investigazzjoni u cioe' Charles Grech Mallia, Carlo Valletta, Doreen Manche', Josette Spiteri u Joe Camilleri ma gewx imharrka sabiex jixhdu minkejja li jidher li setghu taw dawl fuq l-akkadut, b'mod specjali x-xhud ahhari Joe Camilleri. Jirrizulta wkoll minn qari tal-okkorenza Dok JC esebit fl-atti a fol. 51 li l-Ispettur Investigattiv hu mnizzel bhala M. Sammut. Dan ukoll huwa konfermat mir-rapport li sar nhar l-20 ta' Lulju, 2005 (fol. 9 tal-PV) lill-Magistrat tal-Ghassa ghall-ftuh tal-

inkjesta relattiva. Dan ukoll hu konfermat mir-relazzjoni ta' PS 644 Evan Camilleri u PC 186 Kristian Mintoff (fol. 42 tal-PV) fejn hemm indikat li l-Ispettur Investigattiv kien M. Sammut. Ghal darb'ohra nsibu l-istess konferma fir-relazzjoni ta' Robert Cardona esebita a fol. 52 tal-PV. Huwa biss fir-relazzjoni ta' Joseph Mallia li l-Ispettur investigattiv hu ndikat bhala Michael Mallia (vide r-rapport JM1 esebit fil-PV). Dan ix-xhud ma tressaqx sabiex jixhed minkejja li seta' kellu nformazzjoni x'jaghti fuq din l-investigazzjoni. Jigi nnutat ukoll li minkejja dan quddiem din il-Qorti l-membri tas-SOCO stqarru *viva voce* illi l-Ispettur Investigattiv kien Mario Tonna li tabilhaqq ukoll ma tressaqx jixhed. Dan kollu certament hu nuqqas serju fix-xoghol maghmul mill-pulizija kif sorveljat mill-ufficju tal-Avukat Generali waqt il-gbir tal-provi fil-kumpilazzjoni.

Din il-Qorti wkoll thoss li hemm nuqqas iehor ukoll ta' natura serja li ma gewx inseriti fl-atti l-allegati ritratti li suppost gew murija lill-vittma Bernardetta Meilaq ftit wara li sehh l-incident mertu ta' din il-kawza minkejja illi f'din l-allegata identifikazzjoni, is-sinjura Meilaq ma gharrfet lil hadd. Il-Qorti zzid id-doza ta' dispjacir taghha ghal nuqqas ulterjuri f'dan ir-rigward meta tinnota li l-prosekuzzjoni jew il-pulizija ma zammitx identifikazzjoni ohra fejn possibilment jitpogga ritratt tal-akkuzat sabiex il-vittma tigi mistoqsija ghal darba ohra jekk setghetx tgharaf xi malvivent. Il-pulizija wkoll naqset li tinforma l-Magistrat tal-Ghassa sabiex tinzamm Identification Parade taht l-awspici taghha fejn mhux biss il-vittma kellha tippartecipa, izda anke ix-xhud Joe Camilleri li *del resto* allegatament kien stqarr li ra persuna hierga mir-residenza tal-vittma, specjalment meta tqis li huwa allegatament kien ta'deskrizzjoni rigward l-istess persuna. Dan l-ezercizzju wkoll bla dubju seta' ghen sabiex jintefa' aktar dawl fuq min kellu jitressaq il-Qorti. M'hemmx dubju li din il-Qorti hija mgharrfa b'dawn in-nuqqasijiet u certament li jdejquha b'mod serju pero' din il-Qorti mhux qedgha hawn sabiex tiddeciedi fuq l-investigazzjoni mizmuma mill-pulizija u tidentifika n-nuqqasijiet taghha izda l-ghan principali taghha huwa sabiex tezamina bir-reqqa l-provi migbura u tara jekk abbazi tal-istess ghandhiex is-serhan tal-mohh sabiex tistabilixxi htija o meno fir-rigward tal-persuna akkuzata. Ghalhekk din il-Qorti trid tarbel kif intqal iktar il-fuq il-provi kemm diretti u kemm dawk indiretti, b'mod

individwali kif ukoll holistiku sabiex tasal biex taqdi d-doveri taghha biex tasal biex taghti l-gudizzju taghha.

Jigi rilevat illi f'din il-kawza ma ngiebu l-ebda xhieda okulari sabiex jelaboraw fuq dak li effetivament sehh. Illi l-unika xhud li taghat rakkont ta' dak li gara u li effetivament gie rappurtat kienet il-vittma u ghalhekk din il-Qorti trid tezamina bir-reqqa x-xhieda mghotija minnha bil-gurament kemm fl-inkjesta quddiem Dr Mario Scerri, kemm ix-xhieda taghha ukoll moghtija bil-gurament waqt il-kumpilazzjoni fil-prezenza tal-akkuzat odjern, kif ukoll ix-xhieda taghha moghtija mhux bil-gurament lill-Ufficjali Investigattivi ftit wara li sehh l-akkadut, liema xhieda tinsab rappurtata fl-okkorenza Dok JC esebit fl-atti a fol. 51.

Fit-tlett xhieda taghha, minkejja numru ta' divergenzi jirrizulta konsistentament li hija kienet id-dar nhar l-20 ta' Lulju, 2005 filghodu ghal-habta ta' 9.30am meta giet assaltata minn tlett guvintur li dahlu gewwa darha sabiex jisirquha. Jirrizulta wkoll li hi sofriet feriti kif deskritti mit-tobba kif ukoll vittma ta' serq in eccess ta' mitt lira Maltin (Lm 100). Ma hemmx dubju li hemm inkonsistenza fix-xhieda mghotija minnha jekk l-ammont li gie mehud mill-portmonnaie taghha kienx mitejn lira Maltin (Lm 200) jew mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250). Dwar il-feriti li ssubit, kemm Dr Mario Scerri mahtur mill-Qorti Inkwerenti bhala espert kif ukoll Dr Jonathan Joslyn u l-kirurgu Mr Fredrick Zammit Maempel jikkonfermaw li hija kellha bhala ferita *inter alia* fost l-ohrajn *dislocation* tal-ispalla tan-naha tal-lemin, oltre ferita fuq ir-ras fejn kellha bzonn numru ta' strutturi. It-tobba kollha jikkonfermaw illi l-kwistjoni dwar *dislocation* ta' spalla tigi deskritta bhala ferita ta' natura gravi, pero' Dr Jonathan Joslyn jghid minkejja li f'dan il-kaz ma xehedx fil-kapacita' tieghu t'espert li tali ferita tista' tkun ta' natura hafifa jekk il-pazjent ma jkoplix ibati minnha. Illi l-espert tal-Qorti Dr Mario Scerri ddeskriva din il-ferita bhala wahda ta' natura gravi, minkejja illi hu ma regax invista lill-vittma wara l-ezami mediku tieghu li sehh nhar l-20 ta' Lulju, 2005. Din il-Qorti ghalhekk ezaminat ix-xhieda mghotija minn Benedetta Meilaq, mghotija nhar it-28 ta' Novembru, 2012 (fol. 63 tal-atti) u cioe' mghotija iktar minn seba' (7) snin wara l-akkadut fejn din ikkonfermat li xi hadd kien dawrilha dirghajha tal-lemin u

kienet ghadha qed tbati biha. Ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex dubju li l-ferita ta' *dislocation* tal-ispalla subita mill-vittma kienet wahda ta' natura gravi.

Fl-istess xhieda taghha quddiem il-Qorti, Benedetta Milaq identifikat lill-akkuzat kif senjalat mill-Qorti a fol. 71 tal-process bhala l-persuna li kkagunatilha din il-ferita. Din il-Qorti pero' fliet il-process bil-ghan sabiex tara jekk hemmx provi ohra li huma univoci li jistu jikkollaboraw il-fatt illi l-akkuzat verament kien fir-residenza taghha nhar l-20 ta' Lulju, 2005.

Illi minn ezami tar-rapport tal-espert nominat mill-Qorti Inkwerenti, Joseph Mallia jirrizulta bla tlaqliq li kien hemm 'match' bejn l-impronti digitali tal-akkuzat mehuda minnu u dawk elevate mix-xena tad-delitt mill-ufficjali tas-SOCOs. Fil-fatt ikkonkluda illi:

i. L-ewwel impronta li tidher zviluppata miIl-lifter immarkat bhala dok O5CGT 301, huwa lifter elevat minn fuq is-senduq fil-kuritur faccata tal-bieb principali taqbel u hija identitika mal-marka tas-saba z-zghir ta' id ix-xellugija ta' l-akkuzat;
ii. IIt-tieni mpronta li tidher zviluppata u elevata min naha tax-xellug tal-lifter dokument 05CGT 301 li huwa lifter elevat minn fuq is-senduq fil-kuritur faccata tal-bieb principali taqbel u hija identitika mal-marka tas-sebgha tac-curkett ta' id ix-xellugija ta' l-akkuzat;
iii. It-tielet impronta li tidher sviluppata u elevata min naha tax-xellug tal-lifter 05 CGT 301 taqbel u hija identitka mal-marka tas-saba tan-nofs ta' id ix-xellugija tal-akkuzat;
iv. Ir-raba' impronta li tidher zviluppata u elevata minn naha tax-xellug tal-lifter dok 05 CGT 301 tabqel u ghalhekk hija identitka mal-marka tas-saba l-werrej ta' id ix-xellugija ta' l-akkuzat.

Id-difiza ppruvat ixxejen din il-prova xjentifika billi fl-ewwel lok ghamlet referenza ghac-cahda tal-akkuzat li huwa qatt ma kien dahal fil-fond fejn sehh l-akkadut u fit-

tieni lok billi ttenta b'mod fjak jghid li l-akkuzat ghamel zmien jahdem ta'mastrudaxxa u anke kien jghin lil missieru f'xi xoghol ta' restawr. Pero' l-akkuzat naqas b'mod serju li jipprova n-ness bejn dawn iz-zewg fatturi u cioe' s-sejba tal-impronti fuq l-ghamara tal-vittma u l-allegat xoghol li huwa kien jaghmel. Jigi mfakkar f'dan l-istadju li jekk id-difiza thoss li ghandha tressaq xi prova, tali prova trid tilhaq il-livell tal-probabbli. Illi mhux l-ewwel darba li din il-Qorti kellha c-cans tiddeskrivi u tispjega l-grad tal-prova tal-probbabilta' u li tfissirha bil-kelmiet 'x'aktarx aktar iva milli le'. Dak huwa fil-Ligi l-probabbli. Dan hu il-livell li trid tilhaq id-difiza u cioe' hu probabbli li xi bicca xoghol li mess l-akkuzat fix-xoghol tieghu fl-injam, spicca b'kumbinazzjoni fir-residenza tal-vittma? L-akkuzat ikun lahaq il-livell tal-probabbli jekk wara li din il-Qorti tifli u tixtarr il-provi, tkun tista' tasal bis-serenita' kollha u b'mod univoku ghall-konkluzzjoni li x'aktarx iva milli le, hekk graw l-affarijiet. Jekk il-prosekuzzjoni tilhaq il-livell tal-probabbli mhux bizzejjed, izda huwa bizzejjed meta d-difiza tilhaq dan il-grad. Jekk aktarx iva milli le l-affarijiet graw kif qal l-akkuzat, allura jezisti d-dubju dettat mir-raguni u dan ifisser li d-difiza tkun lahqet il-livell ta' prova taghha biex ixekkel il-kaz tal-prosekuzzjoni. F'dan il-kaz din il-Qorti jidrilha illi b'mod remot, id-difiza setghet lahqet il-grad tal-possibbli li fil-kamp penali m'hemmx loku u dan stante li taht il-kappa tax-xemx kollox hu possibbli.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li ghandha tghid kelmtejn dwar il-prova xjentifika ta' sejba t' impront. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza **<u>il-Pulizija vs Nazzareno sive Reno Zarb</u>** tal-Qorti tal-Appell Kriminali :

> *Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali '**<u>Il-Pulizija vs Anthony Abela</u>**' (28.5.1998) li l-prova tal-fingerprint ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuzata. Il-Qorti pero kienet ghamlet distinzjoni bejn fingerprints li jinstabu f'postijiet pubblici bhal hwienet, knejjes, cinematografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc, li fihom imorru hafna*

*nies u **<u>fingerprints li jinstabu f'xi dar ta' residenza</u>**.[9] Il-Qorti qalet hekk fir-rigward :-*

*'Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li s-suspettat, li insabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. **<u>F'dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija'[10]</u>**....Illi l-**ARCHBOLD** 'Criminal Pleading, Evidence and Practice' (2001 edit) (pagna 1348) jghid :- 'A person may be identified by fingerprints alone' : **R v Castleton**, 3 Cr. App. R74 CCA.'*

*Kif anki ddikjarat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza taghha **<u>il-Pulizija vs Kenneth Ellul</u>** meta din il-Qorti qiset il-valur probatorju ta' impronti digitali:*

*F'dan l-istadju l-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Paul Spagnol.</u>** F'din is-sentenza l-Qorti rriferiet ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Vincent Calleja</u>** fejn inghad:*

*'L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja - 'circumstantial evidence' - u kif qal Lord Salmon fil-kaz **<u>DPP v Kilbourne</u>** (1973) AC 729 p758 '...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities'. Il-kwisjtoni kollha hi mhux jekk l-impronta nstabitx f'post pubbliku jew f'post privat u anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lil gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi att li*

[9] Enfasi ta' din il-Qorti.
[10] Enfasi ta' din il-Qorti.

*jammontaw ghall-anqas ghal tenattiv ta' dak ir-reat.' (**Il-Pulizija vs Noel Frendo** deciza 30 ta' Novembru 2004 - Appelli Kriminali Inferjuri)'.*

*Imbaghad il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kompliet hekk:*

*'Illi ghalhekk wiehed jistaqsi, dina l-prova wahedha hija sufficjenti sabiex wiehed jikkonkludi illi l-imputat kien involut f' dina s-serqa ? Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu hemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn tal-ahhar iridu jkunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u jridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f' mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat'.*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Borg et** deciza fil-15 ta' Gunju, 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu uniovoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova".*

Illi fis-sentenza moghtija 30 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismiijiet **Il-Pulizja vs. Emanuel Camilleri** gie deciz li:

*"f'dak il-kaz il-prova tal-fingerprints kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero' hemm kazijiet fejn il-prova tal-*

*fingerprints wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza".*

Illi fuq dan l-insenjament u mir-rizultanzi processwali fejn fid-dawl tax-xhieda mghotija mill-vittma, li hija *del resto piu e meno* konsistenti tul it-tlett verzjonijiet li hija taghat, tispikka in-nuqqas ta'spjegazzjoni diretta ta' kif l-impronti tieghu spiccaw fir-residenza tal-vittma, iwasslu lill-Qorti sabiex tkun konvinta illi l-akkuzat kien wiehed min-nies li aggredew u serqu lill-vittma nhar l-20 ta' Lulju, 2005.

Ikkunsidrat ulterjorment,

Fl-ewwel kap tal-Att t' Akkuza l-akkuzat gie akkuzat bir-reat ta' serq ikkwalifikat bi vjolenza, bil-lok u bil-valur. Dwar dawn l-aggravji l-ligi tipprovdi s-segwenti:

*'262. (1) Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"vjolenza"*

*(a) meta jsir flimkien ma' omiċidju, ma' offiża fuq il-persuna, jew ma' sekwestru tal-persuna, jew ma' theddid, bil-miktub jew bil-fomm, ta' omiċidju, jew ta' offiża fuq il-persuna jew ta' ħsara fil-proprjetà;*

*(b) meta l-ħalliel jippreżenta ruħu armat, jew meta l-ħallelin, għad li ma jkunux armati, jippreżentaw ruħhom iżjed minn tnejn;*

*(2) Sabiex att ta' vjolenza jitqies li jikkwalifika s-serq, huwa biżżejjed li dan l-att isir qabel jew fil-waqt tas-serq, jew minnufih wara, sabiex igħin il-konsumazzjoni tad-delitt, jew il-ħelsien tal-ħati mill-piena jew mill-arrest jew mill-għagħa tal-offiż jew ta' oħrajn, jew sabiex il-ħati ma jħallix tiġi lilu meħuda lura l-ħaġa misruqa, jew biex jivvendika ruħu talli ma jkunux ħallewh jew fittxew li ma jħalluhx jisraq, jew talli jkunu ħadulu lura l-ħaġa misruqa, jew talli jkun ġie mikxuf bħala l-ħalliel*

*267. Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"valur", meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).*

Dan l-Artikolu appena citat u cioe' fir-rigward tal-aggravju tal-valur kien gie emendat permezz tal-Avviz Legali 407 ta' 2007 li provda li l-valur ta' mitt Lira Maltija (LM100) ghandu jigi emendat bil-kelmiet 267. Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"valur", meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u ghalhekk l-aggravju tal-valur fi zmien ir-reat u cioe' fis-sena 2005 u llum il-gurnata baqa' l-istess.

L-aggravju ahhari moghti mill-prosekuzzjoni huwa dak tal-lok kif provdut fis-segwenti artikolu li ma ra l-ebda emendi minn meta gie kommess ir-reat mertu ta' dan il-Kap tal-Akkuza:

*269. Huwa ikkwalifikat bil-"lok" is-serq li jsir - (g) f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li tagħmel magħha.*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li Bernadetta Meilaq skond l-okkorenza JC esebit fl-atti a fol. 51 deskritta bhala l-vittma ta' dan il-kaz kienet residenti 40, Bernadetta House, Triq Ta'Giorni, San Giljan. Ghalhekk l-aggravju tal-lok jissusisti stante li r-reat sehh propju f'din ir-residenza tal-vittma. Illi d-difiza ttentat l-indirizz taghha titfa' dell fuq il-fatt illi tali propjeta' mhux ir-residenza taghha u dan ghaliex fir-ritratti esebiti kien hemm sigra tal-Milied (minkejja li kienet ippakjata) u li kien hemm hafna kaxxi mil-art. Minkejja li dawn il-kunsiderazzjonijiet huma minnhom, dan bl-ebda mod ma jfisser illi l-vittma ma kienitx tirrisjedi hemm, *molto piu'* meta tqis li kien hemm affarijiet konnessi mat-tisjir u pjanti li dehru hajjin li huma ndizji cara li l-post kien abitat. M'hemmx dubju illi kien hemm dizordni fid-dar, pero' wiehed irid iqis li go din id-dar kienet tghix anzjana.

Fir-rigward l-aggravju tal-valur jirrizulta bic-car illi l-ammont ta' flus li nsterqu kienu in eccess tas-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) u zgur inqas minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37).

Fir-rigward l-aggravju tal-vjolenza jirrizulta mill-provi prodotti li ma gewx ikkontestati li l-malviventi kienu tlieta (3) skond ix-xhieda mghotija mill-vittma Bernadetta Meilaq minkejja li l-Qorti jirrizulta li tressaq biss persuna wahda ghalhekk jirrizulta l-aggravju kif dispost fl-Artikolu 262(1)(b). Dwar il-kwistjoni jekk il-malviventi kienux armati jew le, il-Qorti ma thossx li hemm ghalfejn tikkummenta ulterjorment peress illi l-aggravju tal-vjolenza diga jissusisti u l-prosekuzzjoni naqset milli tohrog akkuza naxxenti mill-Ordinanza dwar l-Armi.

Ghalhekk fil-fhema tal-Qorti, l-Ewwel Kap tal-Att t'Akkuza tirrizulta pprovata sodisfacentament.

Fit-Tieni Kap tal-Att t' Akkuza, l-Avukat Generali akkuza lil Cremona bir-reat t'arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi kif dispost fl-Artikoli 86 tal-Kodici Kriminali. Illi dan l-Artikolu jipprovdu s-segwenti:

> *86. Kull min, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa sentejn:*
>
> *Iżda, il-qorti tista', fil-każijiet ħfief, tagħti l-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur jew il-multa.*

Dwar dan ir-reat il-Professur Mamo fin-noti tieghu fuq il-Ligi Kriminali jghid dan is-segwenti:

> *"Now the material element of the crime under discussion consists in arresting, detaining or confining any person against his will, without a lawful order from the competent authority......*
>
> *The words 'arrest' 'detention' and 'confinement' are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty. 'Il reato esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o cammina; sian quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro.'....... The illegal arrest may subsist as an offence although it is not followed by detention or confinement. Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place......*
>
> *The crime is, in the third place, aggravated when the person arrested, detained, or confined is subjected to any bodily harm or is threatened with death..."*

Dwar it-tifsira ta' dan ir-reat il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Jeffrey Scicluna) Vs Deemer Tabone.**[11] Ir-reat t'arrest illegali jinkludi fih tlett ipoteżi differenti u ċioe' dik tal-arrest, taż-żamma jew tas-sekwestru tas-suġġett passiv. Fil-forma oriġinali tiegħu l-Artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali jirriproduċi kważi kelma b'kelma l-Artikolu 169 tat-Tieni Ktieb tal-Codice per lo Regno delle due Sicilie li kien jippreskrivi s-segwenti : -

> *"Chiunque senza ordine delle autorita' costituite e fuori de' casi ne' quali la legge autorizza i privati all'arresto degl'incolpati, arresti, detenga o sequestri qualsiasi persona, o presti il luogo per eseguire un*

[11] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati nhar il-15 ta' Mejju 2016.

*tale arresto o sequestro sara' punito del primo grado de' ferri nel presidio"*[12]

Skont il-maġġoranza tal-awturi ta' dak iż-żmien riċerkati minn din il-Qorti jirriżulta li dan ir-reat kien imnissel mir-reat aktar qadim ta' "carcere privato". Sa minn żmien il-Carmingnani kien ġie rikonoxxut li dan ir-reat ma hux rifless biss fl-ipoteżi tal-arrest ta' persuna mingħajr awtoritá leġittima.[13] Il-Carmignani kien jiddistingwi bejn ir-reat ta' carcere privato – (a) fis-sens proprju ristrett u dak ta' (b) carcere privato per equipollenza.

Biss sa minn din it-tifsira bikrija jirriżulta li l-kunċett ta' carcere privato kien ristrett għallipoteżi ta' attest attwali, detenzjoni jew sekwestru ta'persuna.

> *"E' vero carcere un locale da tutte le parti chiuso, affin di ritenervi o punirvi gli uomini, cio' che fu' una delle insigne e dei simboli della magistratura (2) s'intende poi tale per equipollenza quando taluno nella propria casa abbia coll'ajuto dei suoi servitori o senza, legato un uomo, oppure, se non legato, rinchiuso (3)."*

Francesco Sav. Arabia[14] li jikkummenta wkoll fuq il-Kodiċi tar-Renju taż-Żewġ Sqallijiet jgħid li:-

> *"Arresta chi privando un'uomo della sua liberta lo riduce in luogo chiuso ma riconosciuto come carcere, o anche lo consegni ad una autorita' pubblica: detiene chi trovando altri in luogo chiuso gl'impedisce di uscirne: sequestra chi priva altri della sua liberta separadolo dal consorzio di coloro da cui potrebbe essere soccorso. Da queste tre voci usate dal legislatore e che nell'linguaggio legale non pare*

---

[12] Il-Codice per lo Regno delle due Sicilie, Prima Edizione, Parte Seconda, Avv. Luigi Dentice & Co., Napoli, 1849, page 38.
[13] Elementi di Diritto Criminale, Giovanni Carmignani, Prima Edizione Italiana del Professor Caruana Dingli, 2a edizione napolitana sull'ultima di Malta, Napoli, 1854, page 248-249.
[14] I Principi del Diritto Penale, 2a. Edizione, Volume 1, Napoli, 1859, page 48.

*che possono avere una distinzione diversa da quella che abbiamo indicato, e' chiaro come qualunque impedimento alla liberta civile e' compreso nella sanzione di questo articolo."*

Skont l-Arabia dan ir-reat mhux limitat għal-meta tiġi mhedda biss il-liberta naturali tas-suġġett passiv **iżda wkoll**[15] meta l-liberta ċivili tas-suġġett passiv tiġi newtralizzata'– kunċett evidentement aktar wiesa' minn dak ta' liberta naturali.

Biss il-*Codice per lo Regno delle due Sicilie* espanda fuq il-kunċett ta' *carcere privato* billi żied b'mod espliċitu mhux biss l-ipoteżi tal-arrest jew detenzjoni iżda wkoll dik tas-sekwestru ossija sequestro. Dawn huma għalhekk tliet ipoteżi differenti li pero jikkostitwixxu r-reat tal-*carcere privato*. Maż-żmien din it-tifsira tal-*carcere privato* evolviet u diversi awturi Taljani oħra spjegaw sitwazzjonijiet differenti fejn persuna tkun tista' tiġi arrestata illegalment minkejja li ma tkunx konfinata fi spazju fiżiku delineat bħal-residenza jew ambjent magħluq.

Skont ir-Roberti[16] dan ir-reat kien jaqa' fil-kategorija ta' reati intiżi li jittutelaw il-liberta personali minkejja l-fatt li kienu jinsabu fis-sub-titolu *Dell'uso privato de' mezzi della pubblica autorita'*. Roberti jgħid :

*"La legge adopera l'espressioni arresti, detenga o sequestri qualsiasi persona. Esse non sono certamente sinonimi, ma ciascuna indica un modo speciale con cui si puo' attentare alla liberta della persona. Era per diritto antico espressamente disposto che sotto il nome di carcere privato non s'intendesse solamente la detenzione arbitraria in luogo chiuso da tutti i lati a forma di carcere, ma anche l'impedimento qualunque recati ad altrui sia legandolo, sia trasportandolo suo malgrado o facendolo ovunque trattenere per forza .... che il reato preveduto nell'art. 169 esista' sia quando alcuno si fermi nel mentre*

[15] Enfasi ta' din il-Qorti.
[16] Corso Completo del Diritto Penale, Volume 4, Napoli, 1834 page 378.

*che agisce o cammina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro".*[17]

Ferrarotti, li jikkummenta fuq il-Kodiċi tal-Piemonte[18] li kien jippreskrivi disposizzjoni simili għall-dik kontemplata fl-Artikolu 169 tal-Kodiċi Borboniku aktar il-fuq imsemmi jistqarr:

*"Havvi arresto o sequestro criminoso di persona, ogni volta, che un individuo e' stato privato della piena liberta individuale; non e' necessario il-concorso della forza materiale e della violenza"; cass. 18 luglio 1849 ricorso Torre – Bettini.*

Dan ifisser li biex jitwettaq id-delitt tal-arrest jew żamma illegali mhux meħtieġ li jkun imwettaq b'xi vjolenza jew bl-eżerċizzju ta' forza materjali fuq is-suġġett passiv tar-reat. Skont dik il-Liġi jekk ikun hemm vjolenza jew forza materjali eżerċitata fuq is-suġġett passiv, is-suġġett attiv jirrendi ruħu responsabbli għar-reat fil-forma kwalifikata tiegħu. Inoltre huwa jtenni li ma hemmx bżonn li jiġi determinat jew stabbilit xi motiv speċifiku wara l-arrest, żamma jew sekwestru tas-suġġett passiv.

Il-Buonfanti fil-Manuale Teorico Pratico del Diritto Penale, kummentarju fuq il-Kodiċi Penali tat-Toskana[19] jgħid: -

*"Bisogna dunque distinguere in questo delitto il fatto materiale, e la sua moralita'. Il fatto materiale puo' effetuarsi in tre modi distinti per l'arresto, la detenzione, il sequestro. Questi tre fatti differenti, per essere dalla legge repressi non esigono la presenza simultanea di ciascuno di essi; sono tre delitti analoghi che possono sia riunirsi in uno solo, sia verificarsi isolatamente, e in ciascuna di queste ipotesi,*

[17] Enfażi miżjuda.
[18] Commentario Teorico Pratico del Codice Penale, T. Ferrarotti, Torino, 1860, p 294
[19] J. Buonfanti, Pisa, 1849 page 819.

*come e' facile il dimostrare essi ugualmente costituiscono il reato in esame. Quindi lo arresto momentaneo d'una persona senza ch'essa sia stata rinchiusa in quasivoglia luogho; la sua detenzione nella casa propria e conseguentemente senza che essa sia stata precedentemente arrestata; finalmente, e a piu' forte ragione, il sequestro della medesima in un luogo solitario, questi tre fatti, identici per loro carattere, differenti per la loro forma, costituiscono dei delitti indipendenti l'uno dall'altro, ma si confondono in una stessa imputazione….D'onde la regola generale, essere sufficiente che la persona non abbia potuto ritirarsi liberamente, perche essa possa essere considerate come arrestata o detenuta… Quanto poi alla moralita', ossia alla causa del fatto, perche questo possa reputarsi delittuoso, si richiede che lo scopo dello agente sia di mettere in esecuzione un proprio diritto, e di usurpare un' autorita' che ai soli magistrati si appartiene."*

Dan l-element tal-moralita' huwa wkoll rifless fl-argumentazzjoni aktar bikrija tal-Carmignani li saħaq fuq l-importanza tal-użurpazzjoni tal-awtoritá' maġistrali riflessa fl-azzjoni tas-suġġett attiv. Huwa jżid:

*"Quanto poi alla causa del fatto medesimo, perche questo abbia a reputarsi delittuoso, si richiede che lo scopo dell'agente sia di mettere in esecuzione un proprio diritto, e di usurpare un autorita' che ai soli magistrati compete".*

Bħal-Ferrarotti, ir-Roberti jisħaq li l-Artikolu 169 tal-Kodiċi Borboniku ma jirrikjedix li jiġi pruvat il-motiv wara l-arrest, id-detenzjoni jew is-sekwestru llegali; u li l-att innifsu magħmul bl-intenzjoni kriminuża huwa suffiċjenti biex jiġi integrat ir-reat. Huwa jtenni wkoll li dan ir-reat għandu wkoll mir-reat ta' *vie di fatto* (simili għar-reat ta' ragion fattasi). Biss ir-Roberti jtenni li kontra d-dritt Ruman u l-Kodiċi tal-1808 li kienu jiffiguraw ir-reat ta' *carcere privato* bħala li jirrifletti l-intenzjoni tas-suġġett attiv li jieħu l-Liġi b'idejh fl-Artikolu 169 tal-Kodiċi Borboniku dan ir-rekwiżit ma kienx meħtieġ.

Iżda l-istess awtur jikkonċedi li fil-maġġoranza tal-każijiet l-arrest, iż-żamma jew is-sekwestru ta' persuna ikun imwettaq mis-suġġett attiv sabiex jimponi lilu innifsu forzożament fuq is-suġġett passiv jew fuq sitwazzjoni b'mod li għalhekk jieħu l-liġi b'idejh permezz t'azzjoni unilaterali.

Illi l-interpretazzjoni li dejjem inghatat mill-gurisprudenza nostrana f' din il-materja hija wahda pjuttost wiesgha fis-sens illi mhux necessarjament irid jirrizulta li persuna nzammet imsakkra go post jew marbuta ma' xi siggu biex is-sekwestru jirrizulta. Fil-fatt jekk jirrizulta li l-vittma tas-sekwestru kienet anke jekk ghall-mument qasir hafna inkapaci li taghmel dak li trid u dan kontra r-rieda taghha, hemmhekk jirrizulta r-reat kontemplat taht l-Artikolu 86 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dan jista' jsehh anke fid-dar tal-istess vittma u anke bil-bieb mhux imsakkar, kif inhu l-kaz in dizamina.

Fil-proceduri odjerni, jirrizulta illi l-vittma li kienet id-dar ghall-affari taghha giet affrontata bi tlett (3) guvintur u spiccat aggredita mixhuta mil-art, feruta u misruqa. Jirrizulta wkoll illi hija rnexxilha timxi sal-parapett tad-dar taghha wara li l-aggressuri taghha ghamlu herba fil-propjeta' taghha kif murija fir-ritratti esebiti fil-proces verbal u kif deskritt mill-vittma stess u mill-ufficjali tal-pulzija lli accedew fuq il-post, ftit wara li dahal ir-rapport ghand il-pulizija. Illi ghalhekk fid-dawl tal-enuncjazzjonijiet fuq imfissra dwar it-tifsira li ghandha tinghata lill-kelma sekwestru u cioe' li minkejja li ma kienitx konfinata fi spazju fiziku jew ambjent maghluq, hija xorta ma kellhiex il-moviment liberu taghha. M'hemmx dubju wkoll illi l-aggravju msemmi fl-Artikolu 87(1)(c) u cioe' li l-vittma sekwestrata sofriet offiza fuq il-persuna taghha. Fir-rigward ta' dan l-aggravju, jigi nnutat li permezz tal-Att LXIV ta' 2021 tal-14 ta' Dicembru, 2021, il-piena f'dan ir-rigward zdiedet minn tlettax-il xahar sa tlett snin ghall-tlettax-il xahar sa sitt snin f'kaz li tirrizulta wahda jew izjed mic-cirkostanzi msemmija fl-istess artikolu. Pero' jinghad illi l-Avukat Generali ghogbu jiccita wkoll l-Artikolu 88 tal-Kodici Kriminali ghall-piena applikabbli ghall-arrest kontra l-ligi li jsir b'offiza fuq il-persuna u f'dan il-kaz jekk jirrizulta s-sub-inciz (c) tal-Artikolu 87 u l-offiza tkun

taqa' taht piena ikbar mill-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn, il-piena tkun ta' prigunerija ghal zmien minn erba' snin sa sitt snin u ghalhekk il-piena ccitata fl-Artikolu 87 ma tapplikax ghal kaz in dizamina.

It-Tielet Kap tal-Att t'Akkuza l-Avukat Generali ghogbu jakkuza lil Cremona bir-reat t' offiza fuq il-persuna ta' Bernadetta Meilaq u skond l-Artikolu citat minnu huwa tal-fhema illi tali offiza taqa' fil-parametru tal-Artikolu 218(1)(a)(b) tal-Kodici Kriminali.

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi</u>** deciz mill-Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano fit-30 ta' Lulju 2004 qalet hekk:

> *"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*

L-Avukat Generali jaghmel referenza ghall-Artikolu 218(1)(a)(b) tal-Kodici Kriminali. Fir-rigward tas-sub-inciz (b) din zgur ma tirrrizultax u dan stante li l-akkuzat ma kkaguna l-ebda sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fl-ghonq jew wahda mill-idejn tal-offiz. Dan qed jinghad ghaliex il-ferita fid-driegh mhux kontemplata f'dan is-sub-inciz. Fir-rigward tas-sub-inciz (a) lanqas ma jirrizulta l-intenzjoni specifika tal-akkuzat li jikkaguna difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, ghalhekk din il-Qorti ezaminat l-Artikolu 216 li ukoll jitkellem dwar offizi fuq il-persuna izda mhux

ta' natura gravisssima, imma dawk ta' natura gravi. Dan l-artikolu ahhari jipprovdi s-segwenti:

> *'216. (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin –*
>
> *(a) **jekk tista' ġġib periklu** –*
>
> *(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem;'*

Illi f'dan il-kaz jirrizulta kif del resto stqarr Dr Mario Scerri li l-ferita ssubita minn Bernadetta Meilaq kienet ta' natura gravi per durata li taqa' fil-parametri tal-Artikolu 216 tal-Kodici Kriminali, liema reat huwa kompriz fir-reat aktar serju hekk kif ipprovdut fl-Artikolu 218.

**Ikkunsidrat ulterjorment,**

Jinghad qabel xejn illi kif jirrizulta mill-atti Keith Cremona twieled nhar it-23 ta' Novembru, 1987 kif jirrizulta mill-att ta' twelid tieghu mmarkat bhala Dok MM1 esebit fl-atti a fol. 6 u ghalhekk fil-jum tal-akkadut u cioe' 20 ta' Lulju, 2005, l-akkuzat kien ghadu mhux maggorenni u ghalhekk fil-komputazzjoni tal-piena l-Qorti ghandha tnaqqas il-piena bi grad jew tnejn. Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi r-reat sehh kwazi dsatax (19)-il sena ilu u l-akkuzat tressaq il-Qorti f' Mejju 2012 u cioe' tnax-il sena ilu, l-Att tal-Akkuza ilha li harget minn Novembru 2017 u hafna mid-dewmien li gie krejat lil din il-Qorti kien kawza tal-proceduri kostituzzjali li gew intavolati mill-istess akkuzat. Il-Qorti wkoll ghandha quddiemha fedina penali aggornata tal-akkuzat li ghandha diversi reati registrati fuqha li jmorru lura sas-sena 2005, l-ahhar wahda registrata fis-sena 2003 ghar-reati volontarji li gew kommessi waqt l-andament ta' dawn il-proceduri.

Il-Qorti tghid illi m'hemmx dubju li fil-konkors tar-reati u pieni jghoddu d-dispozizzjonijiet msemmija fl-Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali u f'dan il-kaz is-sub-inciz (b).

Il-Qorti rat l-Artikoli 17, 20, 23, 31, 37, 86, 87(1)(c), 88, 214, 215, 216(1)(a)(2), 222A(1), 261(a)(c)(e), 262(1)(a)(b)(2), 267, 269(g), 274(a)(b), 275, 276A, 277(a), 279(a), 280(2), 532A u 533 tal-Kodici Kriminali u tiddikjara li qed issib lill-akkuzat Keith Cremona hati tal-Ewwel u t-tieni Kapi tal-Att t'akkuza fl-intier taghhom bl-aggravji kif moghtija mill-Avukat Generali, filwaqt li qed issib lill-akkuzat mhux hati tar-reat t'offiza ta' natura gravissima skond l-Artikolu 218(1)(a) u (b) izda hati tar-reat ta' natura gravi kompriz skond l-Artikolu 216(1)(a)(ii) tal-Kodici Kriminali u tikkundannah **seba' snin u nofs prigunerija.**

In oltre, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lir-rikorrenti ihallas l-ispejjez involuti fil-hatra tas-segwenti esperti:

1. Is-somma ta' Lm50.74 li kienu gew imhallsa lill-Perit Richard Aquilina;
2. Is-somma ta' Lm80.75 li kienu gew imhallsa lil Dr Mario Scerri;
3. Is-somma ta' Lm66.50 li kienu gew imhallsa lil PS 644 u PS 186;
4. Is-somma ta' Lm37.70 li kienu gew imhallsa lil Robert Cardona;
5. Is-somma ta' €706.28 li kienu gew imhallsa lil Joseph Mallia

B'hekk b'kollox l-akkuzat irid ihallas is-somma ta' Lm 235.69, ekwivalenti ghal €549.01 li flimkien ma €706.28 jammontaw ghat-total ta' **€1,255.29** lil Gvern ta' Malta fi zmien sitt xhur mil-lum.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tiehu hsieb tigbor l-ispejjez li l-akkuzat gie kkundannat ihallas.

**Consuelo Scerri Herrera**
**Imhallef**